MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2/2004

**Francis Grech**

**vs**

**Joseph Grima**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta’ elf mija u tmienja u sittin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm1168.62) rapprezentanti xoghol li sar mill-attur u haddiema tieghu f’farmhouse f’Kercem, Ghawdex fuq inkarigu ta’ l-istess konvenut u dan skond rendikont li qed jigi hawn anness u immarkat bhala Dokument ‘A’;

Il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fid-9 ta’ Mejju 2003, ta’ l-ittra

ufficjali mibghuta f'Novembru 2003 u l-ispejjes ta' din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta:

"1. Illi l-ammont pretis mill-attur mhuwiex gustifikat u dan billi hemm fejn qed jintalab hlas eccessiv, kien hemm ksur tal-obbligi kuntrattwali da parti tal-attur meta ttermina l-kuntratt tal-appalt mal-eccipjenti minghajr raguni valida, u l-istess attur fl-esekuzzjoni tax-xoghol tieghu kkaguna danni lill-eccipjenti minhabba traskuragni u nuqqas ta' hsieb da parti tieghu li dwarhom qeghdha ssir il-kontro-talba, liema danni jeccedu l-ammont pretis mill-istess attur;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro-talba:

"Billi waqt l-esekuzzjoni tax-xogholijiet li taghhom l-attur qed jippretendi l-hlas tieghu, huwa kkaguna danni lill-konvenut meta wiehed mill-hitan tal-pool li kienet qeghdha ssir mill-attur u haddiema tieghu fil-fond numru sebgha (7), Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex, sfronda minhabba l-pressa tal-konkos, li ma sarilix rinforz u rfid tajjeb bizzejjed qabel ma beda jinghata, bil-konsegwenza li saret hsara u gew soffeti danni mill-konvenut, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, liema danni sofferti ma jeccedux fil-likwidazzjoni taghhom, il-kompetenza ta' dan it-Tribunal."

Sema l-provi;

Ikkunsidra:

Illi mill-provi akkwiziti emergew is-segwenti rizultanzi fattwali:

1. il-konvenut ikkummissjona lill-attur sabiex jikkostruwilu *swimming-pool* f'ghamla rettangolari.

Il-konvenut kellu jipprovdi l-materjal; l-attur il-haddiema. Il-hlas kellu jsir bil-gurnata. Ghal dan l-iskop sar xoghol ta’ skavar fil-blat u fil-hofra rizultanti l-attur bena erba hitan tal-brikks u mela’ t-toqob taghhom bis-siment. Imbaghad kien imiss il-mili tal-ispazju ta’ bejn il-hitan tal-brikks u l-blat cirkondanti bil-konkrit.

2. fuq struzzjonijiet tal-konvenut, li kien qieghed jagixxi fuq il-parir lilu moghti mill-perit arkitett tieghu, dan il-mili kellu jsir f’daqqa sabiex jigi assigurat li s-*swimming-pool* ma jkollhiex *leaks* tal-ilma.

3. meta kien qieghed isir dan il-mili, f’gurnata li kienet il-Gimgha, ma sar l-ebda rinforz mal-hitan tal-brikks ghalkemm dan kien rikjest mis-sengha u l-arti, u, konsegwenza ta’ hekk, il-hajt tal-brikks fil-parti l-fonda tas-*swimming pool* ma felahx ghall-piz u sfronda.

4. l-attur beda jnaddaf id-*debris* u meta sar il-hin waqaf. Meta rritorna nhar it-Tnejn ta’ wara, sab lill-konvenut flimkien mal-perit tieghu fuq il-post. Huwa rrifjuta li kellu xi responsabilita’ ghall-hsara u ghalhekk l-attur gabar l-ghodda u abbanduna l-progett flimkien mal-impjegati tieghu.

5. il-konvenut qabbad lil terzi persuni sabiex jaghmlu x-xoghol rimedjali li kien jikkonsisti fit-tnehhija tax-xoghol imwaqqa’, ir-rikostruzzjoni tal-hajt imwaqqa’, il-mili tal-bqija tal-konkrit kif ukoll l-ghoti tal-*fibre* madwar il-gnub tas-*swimming pool* sabiex jigi assikurat li din ma jkollhiex *leaks.*

6. il-konvenut ma hallas xejn tax-xoghol li ghamel l-attur filwaqt li l-attur m’accettax ir-responsabilita’ ghad-danni rizultanti mit-tigrif tal-hajt imsemmi.

L-attur ma pprezenta l-ebda risposta ghall-kontrotalba tal-konvenut u ghalhekk it-Tribunal kellu jiddeduci d-difiza tal-attur mix-xhieda tal-attur kif ukoll fuq il-kontro-ezamijiet li ghamel l-avukat patrocinatur tieghu. Skond il-konvenut, fil-jum tal-Hadd qabel sehh l-incident huwa cempel lill-attur u talbu jaghmel l-irfid. L-ghada, l-konvenut ma ra l-

ebda armar u gibed l-attenzjoni tal-attur. Dan wiegbu – dejjem skond il-verzjoni tal-konvenut - li ma kienx hemm ghalfejn ghax kien hemm jilqa' l-mili tal-*bricks*. Din il-verzjoni ma gietx kontradetta mill-attur; anzi, hija kkorroborata minnu stess tramite l-avukat difensur tieghu, li, in kontro-ezami tal-perit tal-konvenut, issuggerielu li l-hajt tal-brikks mimli kien *qisu armar. U aqwa minn armar* – allegazzjoni minnufih smentita mill-perit (fol 26). Gie ssuggerit ukoll mill-attur li ma setax isir l-armar minhabba l-konfigurazzjoni tal-pool, izda dan ukoll gie smentit mill-perit. Fl-ahharnett l-attur jallega li huwa ma kienx tal-parir (moghti mill-Perit) li l-konkrit jinghata f'daqqa. Anke jekk dan jitqies li huwa minnu, il-kawza tal-incident ma kienx il-parir tal-Perit, imma n-nuqqas tal-attur li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega.

Hu principju pacifiku u ben konoxxut, kemm fid-duttrina legali kif ukoll fil-gurisprudenza, illi "*l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (**Vol. XXVII P I p 373**). In effetti, "huwa ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u din il-garanzija hi mplicita, tant li huwa tenut anke ghall-kolpa ljievi" (**Vol. XL P I p 485**);

Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili" (Kollez **Vol XLVIII pI p258**).

Huwa sahansitra assodat illi l-kuntrattur "*ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita` minhabba l-fatt li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent, u jibqa' responsabbli l-istess*

*jekk qabel ma beda x-xoghol kien jista' jkun jaf li fil-materja li fuqha kien ser jahdem kien hemm xi mankament, u li kwindi x-xoghol kien inutili*" – "**Sancio De Carlo pro et noe –vs- Emmanuele Cumbo et**", Appell Kummerc, 6 ta' Frar, 1956 riportata a Vol XL pI p485.

Dan ikompli mal-enuncjazzjoni stabbilita fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, tas-7 ta' April 1923 fil-kawza fl-ismjiet "**Nicola Vella –vs- Luigi Agius**" fis-sens illi "*e` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell'arte*". Ara wkoll *Biagio Muscat vs Anthony Falzon et – Qorti tal-Appell – Onor. Philip Sciberras – 12.05.2003.*

Il-provi akkwiziti ma jhallu l-ebda ombra ta' dubbju li l-hsara sehhet unikament tort tat-traskuragni u imperizja tal-attur, li, bhala appaltatur, naqas mill-obbligu li jesegwixxi x-xoghol tieghu skond is-sengha u l-arti billi m' ghamilx ix-xoghol ta' rfid mehtieg ghax dehrlu li l-hajt tal-brikks kien b'sahhtu bizzejjed. Konkluzjoni azzardata li wasslet minnufih ghat-tigrif tal-hajt.

Jirrizulta li l-*quantum* tad-danni subiti mill-konvenut kien kif gej:

| | |
|---|---|
| Tnehhija tad-debris u rikostruzzjoni | 563.50 |
| Fibre u materjal ancillari ghall-waterproofing | 101.28 |
| Periti | 160.00 |
| Total | 824.78 |

Ghal dak li jikkoncerna t-talba tal-attur ghax-xoghol li lahaq ghamel, l-attur m'attakka bl-ebda mod il-prospett dwar il-haddiema u hinijiet tax-xoghol li fil-fatt ghamlu ipprezentat mill-konvenut a fol 44 u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux joqghod fuq it-totali figura rizultanti ta' LM981.23.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attur limitatament ghas-somma ta’ LM981.23; jilqa’ l-kontrotalba tal-konvenut billi jiddikjara lill-attur responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut li t-Tribunal qieghed jillikwida fis-somma ta’ LM824.78 u bl-applikazzjoni tal-kompensazzjoni gudizzjali jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur il-bilanc rizultanti ta’ LM156.45. Fic-cirkostanzi, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------